# <u>LIKWIDAZZJONI TA’ KOPERATTIVA</u>

<u>(A)</u> <u>Proċedura</u>:-

1. Għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja (LĠS) u din għandha tinkludi l-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni tax-xoljiment tal-koperattiva, in-nominazzjoni tal-likwidatur u l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju uditjat (riċenti).

   LĠS għandha ssir bi kworum tal-membri preżenti u l-votazzjoni tar-riżoluzzjoni għandha tgħaddi b’maġġoranza, skont kif jitlob l-istatut tal-koperattiva.

<u>Nota mportanti</u>: Għandha ssir riferenza għall-istatut peress li hemm statuti **li għandhom regola addizjonali** li f’każ fejn riżoluzzjoni mgħoddija tkun tikkonċerna x-xoljiment tal-koperattiva, għandha tissejjaħ laqgħa ġenerali oħra biex tiġi konfermata din ir-riżoluzzjoni u dan minkejja illi din ir-riżoluzzjoni tkun diġa ġiet imressqa u approvata waqt laqgħa ġenerali oħra.

2. Il-likwidatur għandu jinħatar minn fost persuni li jkollhom, għal mill-inqas ħames snin konsekuttivi, *warrant* biex jeserċitaw bħala *Accountant* Pubbliku Ċertifikat (CPA), **<u>li ma tkunx persuna li kienet uffiċjal, *accountant*, jew awditur tas-soċjeta’, f’xi waqt matul il-ħames snin qabel id-data ta’ l-ordni ta’ xoljiment</u>**.

<u>(B)</u> <u>Dokumentazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Bord tal-Koperattivi</u>:-

- Id-dettalji tal-likwidatur. Mehmuż għandek issib formola tad-dettalji tal-likwidatur li trid timtela bid-dettalji neċessarji u tiġi ffirmata.

- Riżoluzzjoni fir-rigward tax-xoljiment għandha tiġi ffirmata mill-membri preżenti u li jivvutaw. Mehmuż għandek issib formola ta' gwida fir-rigward tar-riżoluzzjoni. L-isem tal-koperattiva għandu jitniżżel korrett u l-ismijiet u l-Karta ta' l-Identita' tal-firmatarji għandhom jitniżżlu wkoll.

- Kif ġie spjegat aktar ‘il fuq, f’każ li għandha terġa’ ssir LĠS biex tiġi kkonfermata din ir-riżoluzzjoni għandha tiġi preżentata riżoluzzjoni oħra ffirmata mill-membri preżenti u li jivvutaw.

- Il-minuti ta' din il-laqgħa, iffirmati mill-President u s-Segretarju, li jistipulaw fost affarijiet oħra, min kien preżenti, in-nominazzjoni tal-likwidatur, kif marret il-votazzjoni fir-rigward tax-xoljiment u l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju uditjat.

- Kif ġie spjegat aktar ‘il fuq, f’każ li għandha terġa’ ssir LĠS biex tiġi kkonfermata din ir-riżoluzzjoni għandhom jiġu sottomessi l-minuti ta' din il-laqgħa, iffirmati mill-President u s-Segretarju li jistipulaw fost affarijiet oħra, min kien preżenti, kif marret il-votazzjoni fir-rigward il-konferma tar-riżoluzzjoni tax-xoljiment u n-nominazzjoni tal-likwidatur.

- Ir-rapport finanzjarju uditjat (riċenti).

- F’każ li l-koperattiva ma jkollhiex il-fondi suffiċjenti biex tħallas l-ispejjeż tal-likwidazzjoni fosthom lill-likwidatur u lill-kredituri għandha tiġi ffirmata dikjarazzjoni ta’ min se tkun/jkunu l-persuna/i li se tagħmel/jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet ta’ dawn l-ispejjeż. Mehmuż għandek issib linji gwida ta’ din id-dikjarazzjoni.

Id-dokumentazzjoni rikjesta għandha tintbagħat oriġinali lill-Bord tal-Koperattivi.